SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

20 ta' Settembru 2018 *

"Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea UROAKUT – Trade marks figurattivi preċedenti nazzjonali u internazzjonali UroCys – Raġuni relattiva għal rifjut – Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni – Setgħa ta' bidla – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001]"

Fil-Kawża T-266/17,

Kwizda Holding GmbH, stabbilita fi Vjenna (l-Awstrija), irrappreżentata minn L. Wiltschek, D. Plasser u K. Majchrzak, avocats,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), irrappreżentat minn S. Hanne, bħala aġent,

konvenuta,

il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjent quddiem il-Qorti Ġenerali, hija

Dermapharm GmbH, stabbilita fi Vjenna, irrappreżentata minn H. Kunz-Hallstein u R. Kunz-Hallstein, avocats,

li għandha bħala s-suġġett tagħha rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Marzu 2017 (Każ R 1221/2016-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Dermapharm u Kwizda Holding,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla),

komposta minn I. Pelikánová, President, V. Valančius u U. Öberg (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

wara li rat ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-9 ta' Mejju 2017,

Wara li rat ir-risposta tal-EUIPO ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-5 ta' Lulju 2017,

wara li rat ir-risposta tal-intervenjenti ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-18 ta' Lulju 2017,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li rat l-assenza ta' talba għall-organizzazzjoni ta' seduta min-naħa tal-partijiet fit-terminu ta' tliet ġimgħat min-notifika tal-għeluq tal-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara li ddeċidiet, skont l-Artikolu 106(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li tagħti deċiżjoni mingħajr il-fażi orali tal-proċedura,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Fl-20 ta' Marzu 2015, ir-rikorrenti, Kwizda Holding GmbH, ressqet applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea quddiem l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2009, L 78, p. 1), kif emendat [issostitwit bir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1)].

2 It-trade mark li ġiet mitluba r-reġistrazzjoni tagħha hija s-sinjal verbali UROAKUT.

3 Il-prodotti li għalihom ġiet mitluba r-reġistrazzjoni jaqgħu fil-klassi 5 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat, u jikkorrispondu għad-deskrizzjoni li ġejja: "supplimenti u preparazzjonijiet tal-ikel; preparazzjonijiet u oġġetti mediċi u veterinarji".

4 L-applikazzjoni għal trade mark ġiet ippubblikata fil-*Bullettin tat-trade marks komunitarji* Nru 2015/058, tas-26 ta' Marzu 2015.

5 Fis-26 ta' Ġunju 2015, l-intervenjenti, Dermapharm GmbH, ressqet oppożizzjoni, skont l-Artikolu 41(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 46(1)(a) tar-Regolament Nru 2017/1001], kontra r-reġistrazzjoni tat-trade mark li saret applikazzjoni għaliha fir-rigward tal-prodotti indikati fil-punt 3 iktar 'il fuq.

6 L-oppożizzjoni kienet ibbażata fuq it-trade marks preċedenti li ġejjin:

– it-trade mark Awstrijaka figurattiva riprodottaiktar 'il fuq, li ġiet mitluba fil-5 ta' Diċembru 2011 u li ġiet irreġistrata fit-28 ta' Marzu 2012 bin-Numru 6034/2011, li tkopri b'mod partikolari l-prodotti li jaqgħu fil-klassi 5 u li jikkorrispondu għad-deskrizzjoni li ġejja: "Sustanzi u supplimenti tal-ikel għal użu mediku, minbarra dawk għat-trattament jew il-prevenzjoni tal-gotta";

UroCys

– ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark suesposta, miksuba fil-5 ta' Ġunju 2012 bin-numru 1137575, b'estensjoni tal-protezzjoni fil-Ġermanja għall-prodotti msemmija fl-ewwel inċiż tal-punt 6 iktar 'il fuq inkluż fil-klassi 5.

7 Il-motiv invokat insostenn tal-oppożizzjoni kien dak imsemmi fl-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001].

8 Fit-3 ta' Mejju 2016, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni laqgħet l-oppożizzjoni fl-intier tagħha, ċaħdet l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u kkundannat lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

9 Fl-4 ta' Lulju 2016, ir-rikorrenti ppreżentat appell quddiem l-EUIPO, skont l-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009 (li saru l-Artikoli 66 sa 71 tar-Regolament 2017/1001), kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

10 Permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Marzu 2017 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), ir-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO ċaħad l-appell u kkonferma ċ-ċaħda tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni inkwistjoni. Wara li qies li l-pubbliku rilevanti kien ikkostitwit mill-pubbliku ġenerali li jħaddan il-lingwa Ġermaniża, residenti fil-Ġermanja u fl-Awstrija, normalment informat u raġonevolment attent u avżat, u mill-pubbliku speċjalizzat tal-qasam mediku u farmaċewtiku, li juri livell ta' attenzjoni għoli, il-Bord tal-Appell ikkonferma l-identità jew il-karattru simili ħafna tal-prodotti inkwistjoni. Sussegwentement, dan il-Bord approva l-konklużjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li s-sinjali inkwistjoni kienu jippreżentaw livell medju ta' xebh mill-perspettiva viżiva u fonetika, minħabba l-element inizzjal komuni "uro", l-istruttura konkordanti tagħhom u t-tul simili tagħhom. Mill-perspettiva kunċettwali, il-Bord tal-Appell qies li s-sinjali kkunsidrati flimkien ma kellhom l-ebda sinifikat għall-pubbliku rilevanti, b'tali mid li kienet il-konkordanza tal-bidu tas-sinjali li kienet tat lok għal "ċertu xebh kunċettwali". Għaldaqstant, fid-dawl tal-karattru distintiv medju tat-trade marks preċedenti, il-Bord tal-Appell ikkonkluda favur l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni, anki għall-pubbliku speċjalizzat li l-livell tiegħu ta' attenzjoni kien wieħed għoli.

It-talbiet tal-partijiet

11 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tilqa' r-rikors u tbiddel id-deċiżjoni kkontestata b'tali mod li tiċħad l-oppożizzjoni tal-intervenjenti;

– jekk ikun il-każ, tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO;

– tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Bord tal-Appell;

– tikkundanna lill-intervenjenti għall-ispejjeż sostnuti matul il-proċedura quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

12 L-EUIPO u l-intervenjenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Fid-dritt

13 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

14 Hija ssostni, essenzjalment, li kien b'mod żbaljat li l-Bord tal-Appell ikkonkluda li, fir-rigward tat-trade marks preċedenti u tat-trade mark li ntalbet ir-reġistrazzjoni tagħha, li kienet teżisti probabbiltà ta' konfużjoni fil-menti tal-pubbliku rilevanti.

15 L-EUIPO u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

16 Skont l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, dwar l-oppożizzjoni tal-proprjetarju ta' trade mark preċedenti, ir-reġistrazzjoni ta' trade mark għandha tiġi rrifjutata meta, minħabba l-identiċità jew ix-xebh tagħha ma' trade mark preċedenti u minħabba l-identiċità jew ix-xebh tal-prodotti jew tas-servizzi koperti miż-żewġ trade marks, teżisti probabbiltà ta' konfużjoni fil-menti tal-pubbliku fit-territorju li fih it-trade mark preċedenti hija protetta. Il-probabbiltà ta' konfużjoni tinkludi wkoll il-probabiltà li ssir assoċjazzjoni mat-trade mark preċedenti.

17 Skont ġurisprudenza stabbilita, tikkostitwixxi probabbiltà ta' konfużjoni, dik il-probabbiltà li l-pubbliku jista' jaħseb li l-prodotti jew is-servizzi inkwistjoni joriġinaw mill-istess impriża jew minn impriżi b'konnessjonijiet ekonomiċi. Skont din l-istess ġurisprudenza, il-probabbiltà ta' konfużjoni għandha tiġi evalwata globalment, skont il-perċezzjoni li l-pubbliku rilevanti għandu tas-sinjali u tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni, u fid-dawl tal-fatturi rilevanti kollha tal-każ, b'mod partikolari tal-interdipendenza tax-xebh tas-sinjali u dik bejn il-prodotti u s-servizzi indikati [ara s-sentenzi tat-12 ta' Ġunju 2007, UASI vs Shaker, C-334/05 P, EU:C:2007:333, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-22 ta' Settembru 2016, Sun Cali vs EUIPO – Abercrombie & Fitch Europe (SUN CALI), T-512/15, EU:T:2016:527, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata].

18 Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, probabbiltà ta' konfużjoni tippresupponi kemm identiċità jew xebh tat-trade marks kunfliġġenti kif ukoll identiċità jew xebh tal-prodotti jew tas-servizzi li huma jiddenotaw. Il-kundizzjonijiet huma kumulattivi [ara s-sentenza tat-22 ta' Jannar 2009, Commercy vs UASI – easyGroup IP Licensing (easyHotel), T-316/07, EU:T:2009:14, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza tat-22 ta' Settembru 2016, SUN CALI, T-512/15, EU:T:2016:527, punt 45].

19 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandu jiġi eżaminat jekk il-Bord tal-Appell qiesx ġustament li ma teżista l-ebda probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark preċedenti u t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni.

Fuq it-territorju rilevanti

20 Jista' jiġi dedott b'mod ċar mill-punt 12 tad-deċiżjoni kkontestata li l-Bord tal-Appell qies li t-territorju rilevanti kien dak tal-Ġermanja u tal-Awstrija, jiġifieri t-territorji li fihom it-trade marks preċedenti kienu protetti. Din l-evalwazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-partijiet u għandha tiġi approvata.

Fuq il-pubbliku rilevanti u fuq il-livell tiegħu ta'attenzjoni

21 Skont il-ġurisprudenza, fil-kuntest tal-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-konsumatur medju tal-kategorija ta' prodotti inkwistjoni, ġeneralment informat u raġonevolment attent u avżat. Għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-livell ta' attenzjoni tal-konsumatur medju jista' jvarja skont il-kategorija ta' prodotti jew ta' servizzi inkwistjoni [sentenza tat-3 ta' Settembru 2009, Aceites del Sur-Coosur vs Koipe, C-498/07 P, EU:C:2009:503, punt 74; ara wkoll is-sentenza tat-13 ta' Frar 2007, Mundipharma vs UASI – Altana Pharma (RESPICUR), T-256/04, EU:T:2007:46, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata].

22 Fil-kawża odjerna, il-Bord tal-Appell ikkonstata, fil-punti 12 u 21 tad-deċiżjoni kkonstatata, li l-pubbliku rilevanti kien il-pubbliku li jħaddan il-lingwa Ġermaniża tal-Ġermanja u tal-Awstrija u li l-prodotti inkwistjoni fil-klassi 5 kienu indirizzati, minn naħa, lejn il-pubbliku ġenerali li jeħtieġ li jitqies bħala normalment informat u raġonevolment attent u avżat, li għandu livell medju ta' attenzjoni, u, min-naħa l-oħra, lejn pubbliku speċjalizzat fil-qasam mediku u farmaċewtiku, li l-livell tiegħu ta' attenzjoni huwa wieħed għoli.

23 Minkejja li r-rikorrenti ma tikkontestax id-definizzjoni ta' pubbliku rilevanti, hija tikkonstesta madankollu l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell li l-konsumaturi medji kkonċernati kienu jikkostitwixxu l-"pubbliku ġenerali" li kienu juru livell medju ta' attenzjoni. Ir-rikorrenti ssostni li l-preparazzjonijiet mediċi u tal-ikel u s-supplimenti tal-ikel kienu indirizzati lejn pubbliku li għandu bżonnijiet nutrittivi partikolari, b'tali mod li kemm il-pubbliku speċjalizzat kif ukoll il-konsumatur medju għandu livell ta' attenzjoni miżjud fir-rigward tal-prodotti kkonċernati, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dawn jinbigħux bil-preskrizzjoni medika jew le.

24 L-EUIPO u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

25 Qabelxejn, jeħtieġ li jitfakkar li, meta l-prodotti inkwistjoni jkunu prodotti mediċinali, il-pubbliku rilevanti huwa kkostitwit, minn naħa, minn professjonisti fil-mediċina u, min-naħa l-oħra, minn pazjenti bħala l-konsumaturi finali tal-prodotti msemmija [ara s-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 2010, Novartis vs UASI – Sanochemia Pharmazeutika (TOLPOSAN), T-331/09, EU:T:2010:520, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-5 ta' Ottubru 2017, Forest Pharma vs EUIPO – Ipsen Pharma (COLINEB), T-36/17, mhux ippubblikata, EU:T:2017:690, point 49]. Għaldaqstant, din id-definizzjoni ta' pubbliku rilevanti, kif ikkonstatat mill-Bord tal-Appell, għandha tiġi approvata.

26 Sussegwentement, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, minn naħa, il-professjonisti tal-mediċina japplikaw livell għoli ta' attenzjoni meta jippreskrivu prodotti mediċinali. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta, min-naħa l-oħra, li, fir-rigward tal-konsumaturi finali, fil-każ li prodotti farmaċewtiċi jinbiegħu mingħajr preskrizzjoni medika, għandu jitqies li dawn il-prodotti jinteressaw lill-konsumaturi li huma meqjusa raġonevolment informati tajjeb, attenti u avżati, u dan sa fejn dawn il-prodotti jaffettwaw is-saħħa tagħhom, u li dawn il-konsumaturi huma inqas suxxettibbli li jħawdu verżjonijiet diversi tal-prodotti msemmija. Barra minn hekk, anki fil-każ li preskrizzjoni medika tkun obbligatorja, il-konsumaturi jistgħu japplikaw livell għoli ta' attenzjoni meta jiġu preskritti l-prodotti inkwistjoni, u dan fid-dawl tal-fatt li dawn huma prodotti farmaċewtiċi. Għalhekk, il-prodotti mediċinali, irrispettivament minn jekk jingħatawx fuq preskrizzjoni medika jew le, jistgħu jitqiesu bħala li jibbenefikaw minn livell ta' attenzjoni ogħla min-naħa ta' konsumaturi normalment informati u raġonevolment attenti u avżati (ara s-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2010, TOLPOSAN, T-331/09, EU:T:2010:520, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Minn din l-istess ġurisprudenza jirriżulta li dawn il-kunsiderazzjonijiet huma applikabbli anki meta l-prodotti farmaċewtiċi inkwistjoni jkunu intiżi li jittrattaw mard jew disturbi minuri [sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, Ferring vs UASI – Kora (Koragel), T-169/14, mhux ippubblikata, EU:T:2015:280, punt 31], bħalma huwa l-każ ta' ċertu mard tal-passaġġi urinarji.

28 Dan jgħodd ukoll għal prodotti tal-ikel inġenerali kif ukoll għal supplimenti tal-ikel, li ma humiex prodotti mediċinali fis-sens strett tal-kelma, iżda jikkostitwixxu madankollu prodotti li jaqgħu fil-qasam tas-saħħa, peress li huma maħsuba b'mod ġenerali sabiex itejbu l-istat tas-saħħa, li jistgħu jitqiesu bħala li jingħataw livell miżjud ta' attenzjoni minn konsumaturi normalment informatu u raġonevolment attenti u avżati [sentenza tas-26 ta' Novembru 2015, Bionecs vs UASI – Fidia farmaceutici (BIONECS), T-262/14, mhux ippubblikata, EU:T:2015:888, punt 19; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2009, Trubion Pharmaceuticals vs UASI – Merck (TRUBION), T-412/08, mhux ippubblikata, EU:T:2009:507, punt 28].

29 Fil-kawża odjerna, il-prodotti koperti mit-trade mark li saret applikazzjoni għalihom li jaqgħu fil-klassi 5 għandhom komuni bejniethom li huma intiżi essenzjalment li jiġu kkummerċjalizzati fuq rakkomandazzjoni jew permezz ta' professjonist tas-saħħa, tabib preskriventi, spiżjar jew veterinarju. Fid-dawl tal-effett dirett tagħhom fuq is-saħħa tal-utent u tal-ispeċifiċità tal-patoloġiji li huma intiżi li jikkuraw, jeħtieġ li jitqies li l-konsumaturi jkunu normalment informati tajjeb u partikolarament attenti u avżati, b'tali mod li l-pubbliku rilevanti juri livell għoli ta' attenzjoni, kemm jekk dan ikun ikkostitwit mill-pubbliku ġenerali jew inkella minn professjonisti [ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-

9 ta' April 2014, Farmaceutisk Laboratorium Ferring/OHMI – Tillotts Pharma (OCTASA), T-501/12, mhux ippubblikata, EU:T:2014:194, punt 32, u tat-13 ta' Diċembru 2017, Laboratorios Ern vs EUIPO – Ascendo Medienagentur (SLIMDYNAMICS), T-700/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:896, punt 24].

30 Minn dak li ntqal jirriżulta li kien b'mod żbaljat li l-Bord tal-Appell qies, fil-punt 21 tad-deċiżjoni kkontestata, li parti mill-pubbliku rilevanti kien juri biss livell medju ta' attenzjoni.

Fuq il-paragun tal-prodotti

31 Skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex jiġi evalwat ix-xebh bejn il-prodotti u s-servizzi inkwistjoni, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi kollha rilevanti li jikkaratterizzaw ir-relazzjoni bejniethom. Dawn il-fatturi jinkludu, b'mod partikolari, in-natura tagħhom, il-finalità tagħhom, l-użu tagħhom kif ukoll in-natura kompetittiva jew komplementari tagħhom. Fatturi oħra jistgħu wkoll jiġu kkunsidrati, bħal, pereżempju, ir-rotot ta' distribuzzjoni tal-prodotti kkonċernati [ara s-sentenzi tal-21 ta' Jannar 2016, Hesse vs UASI, C-50/15 P, EU:C:2016:34, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-11 ta' Lulju 2007, El Corte Inglés vs UASI – Bolaños Sabri (PiraÑAM diseño original Juan Bolaños), T-443/05, EU:T:2007:219, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata].

32 Fil-kawża odjerna, il-Bord tal-Appell qies, fil-punti 14 u 15 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-prodott kkontestati inklużi fil-klassi 5 huma identiċi għal, jew jixbhu ħafna l-prodotti koperti mit-trade marks preċedenti.

33 Dawn il-konstatazzjonijiet, li ma ġewx ikkontestati mir-rikorrenti, għandhom jiġu kkonfermati.

Fuq il-paragun tas-sinjali

34 L-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni għandha, fir-rigward tax-xebh viżiv, fonetiku jew kunċettwali tas-sinjali kunfliġġenti, tkun ibbażata fuq l-impressjoni globali tagħhom, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-elementi distintivi u dominanti tagħhom. Il-perċezzjoni tat-trade marks li l-konsumatur medju għandu tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni għandha rwol determinanti fl-evalwazzjoni ġenerali ta' din il-probabbiltà. F'dan ir-rigward, il-konsumatur medju normalment jipperċepixxi trade mark fl-intier tagħha u ma joqgħodx jeżamina d-diversi dettalji tagħha (ara s-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2007, UASI vs Shaker, C-334/05 P, EU:C:2007:333, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Sabiex jiġi ddeterminat il-karattru distintiv ta' element li jagħmel parti minn trade mark, għandha tiġi evalwata l-kapaċità ftit jew wisq kbira ta' dan l-element li jikkontribwixxi sabiex jiġu identifikati l-prodotti jew is-servizzi li għalihom it-trade mark ġiet irreġistrata bħala li toriġina minn impriża speċifika u għalhekk sabiex jiġu identifikati l-prodotti jew is-servizzi ta' dawn iż-żewġ impriżi. F'din l-evalwazzjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-kwalitajiet intrinsiċi tal-element inkwistjoni fid-dawl ta' jekk dan huwiex nieqes jew le minn kull karattru deskrittiv tal-prodotti jew is-servizzi li għalihom it-trade mark ġiet irreġistrata [sentenzi tat-13 ta' Ġunju 2006, Inex vs UASI – Wiseman (Rappreżentazzjoni ta' ġilda ta' mogħża), T-153/03, EU:T:2006:157, punt 35, u tat-12 ta' Lulju 2012, Winzer Pharma vs UASI – Alcon (BAÑOFTAL), T-346/09, mhux ippubblikata, EU:T:2012:368, punt 78].

36 Fil-kawża odjerna, il-Bord tal-Appell qies li s-sinjali kunfliġġenti kienu jippreżentaw xebh viżiv u fonetiku medju kif ukoll "ċertu xebh kunċettwali". Il-Bord tal-Appell żied, fil-punt 22 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-karattru distintiv intrinsiku tat-trade marks preċedenti kien medju u li ma kien jeżisti l-ebda indizju evidenti li t-terminu kumplessiv "urocys" kien jippreżenta konnotazzjonijiet deskrittivi.

37 Ir-rikorrenti tikkontesta din id-dikjarazzjoni, u tallega l-karattru purament deskrittiv tal-element "uro" u d-differenzi kunsiderevoli fil-livell viżiv, fonetiku u kunċettwali bejn is-sinjali kunfliġġenti.

38 L-EUIPO u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

39 Qabelxejn, jeħtieġ li jitfakkar li, għalkemm il-konsumatur ġeneralment jipperċepixxi trade mark bħala ħaġa waħda u ma jipproċedix għal eżami tad-dettalji differenti tagħha, xorta waħda jibqa' l-fatt li, fil-perċezzjoni ta' sinjal verbali, huwa jaqsam dan f'elementi verbali, li, għalih, jissuġġerixxu tifsira konkreta jew li jixbhu kliem li huwa jaf [ara s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2013, Eurocool Logistik vs UASI – Lenger (EUROCOOL), T-599/10, mhux ippubblikata, EU:T:2013:399, punt 104 u l-ġurisprudenza ċċitata].

40 Barra minn hekk, minkejja li s-sinjali kunfliġġenti jikkonkordaw fil-preżenza ta' element inizjali "uro", skont ġurisprudenza stabbilita, l-evalwazzjoni tax-xebh bejn żewġ trade marks ma tistax tillimita ruħha b'mod li jittieħed biss inkunsiderazzjoni komponent ta' trade mark kumplessa u li jiġi mqabbel ma' trade mark oħra. Kuntrarjament, hemm lok li l-paragun isir billi jiġu eżaminati t-trade marks inkwistjoni, kull waħda kkunsidrata fit-totalità tagħha, li ma jeskludix li l-impressjoni ġenerali prodotta fil-memorja tal-pubbliku rilevanti minn trade mark kumplessa tista', f'ċerti ċirkustanzi, tkun dominata minn wieħed jew aktar mill-komponenti tagħha (ara s-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2007, UASI vs Shaker, C-334/05 P, EU:C:2007:333, punt 41 u l- ġurisprudenza ċċitata).

41 Il-fatt li wieħed mill-komponenti ta' tradre mark kumplessa jkun identiku għal trade mark oħra ma jippermetti li jiġi konkluż li jeżisti xebh bejn dawn it-trade marks biss jekk dan il-komponent jikkostitwixxi l-element dominanti fl-impressjoni globali mogħtija mit-trade mark kumplessa [ara s-sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, easyGroup IP Licensing vs UASI – TUI (easyAir-tours), T-608/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:282, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata]. Huwa biss jekk il-komponenti l-oħra kollha tat-trade mark huma negliġibbli li l-evalwazzjoni tax-xebh tista' ssir fuq il-bażi tal-element dominanti biss (sentenza tat-12 ta' Ġunju 2007, UASI vs Shaker, C-334/05 P, EU:C:2007:333, punt 42).

42 Fil-każ odjern, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li ma huwiex ikkontestat li l-element "uro" jagħmel riferiment għall-qasam tal-uroloġija. Kif isostni essenzjalment l-EUIPO, peress li l-pubbliku rilevanti jirrikonoxxi dan l-element bħala referiment għall-uroloġija, dan ma jiġix ipperċepit bħala direttament deskrittiv tal-prodotti kkonċernati, iżda iktar bħala allużiv. Għaldaqstant, huwa b'mod ġust li l-Bord tal-Appell qies, fil-punt 18 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-element "uro" kien jikkostitwixxi riferiment allużiv għall-qasam tal-uroloġija.

43 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li t-trade marks imsejħa "evokatriċi" huma komuni fis-settur tal-prodotti mediċinali. Fil-fatt, ir-riferimenti għall-kamp ta' applikazzjoni u għall-prinċipji attivi tal-prodotti huma frekwenti fil-qasam farmakoloġiku [sentenza tal-14 ta' Lulju 2011, Winzer Pharma vs UASI – Alcon (OFTAL CUSI), T-160/09, mhux ippubblikata, EU:T:2011:379, punt 80]. Il-pubbliku rilevanti jifhem li l-preparazzjonijiet u l-prodotti mediċinali li isimhom jibda bl-element verbali "uro" huma maħsuba għat-trattament ta' mard tal-passaġġi urinarji. Għaldaqstant, l-imsemmi pubbliku jipperċepixxi iktar dan l-element bħala riferiment għall-finalità tal-prodott milli bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali ta' dan tal-aħħar. L-element inizjali "uro" huwa distintiv b'mod dgħajjef sa fejn jagħmel allużjoni għall-karatteristiċi tal-prodotti inkwistjoni.

44 Fir-rigward tal-element addizzjonali "akut" tat-trade mark li saret applikazzjoni għaliha, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, għall-kuntrarju ta' dak li tallega r-rikorrenti, ma jistax jitqies bħala riferiment allużiv li jirrikjedi sforz kbir ta' interpretazzjoni. Għall-pubbliku rilevanti, li jħaddan il-ligwa Ġermaniża, dan it-terminu deskrittiv u li jituża b'mod ġenerali fil-Ġermaniż huwa tradott bħala "urġenti, imminenti, akut".

45 Fir-rigward tal-element "cys" tat-trade marks preċedenti, jeħtieġ li jitqies li dan jiftiehem, tal-inqas mill-pubbliku mediku u farmaċewtiku speċjalizzat, bħala riferiment allużiv li jirreferi għat-terminu "ċistite" jew għat-terminu "ċisteine". Għaldaqstant, kien ukoll mingħajr ma wettaq żball li l-Bord tal-Appell ikkonferma fil-punt 22 tad-deċiżjoni kkontestata, li t-trade marks preċedenti kellhom karattru distintiv intrinsiku medju u li t-terminu "urocys" meħud fl-intier tiegħu ma kien jippreżenta l-ebda konnotazzjoni deskrittiva evidenti.

46 Minn dak li ntqal jirriżulta, għall-finijiet tal-paragun tas-sinjali kunfliġġenti, jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni s-sinjali fl-assjem tagħhom, inklużi l-elementi addizzjonali "akut" tat-trade mark li saret applikazzjoni għaliha u "cys" tat-trade marks preċedenti.

Fuq il-paragun viżiv

47 Fir-rigward tal-paragun fil-livell viżiv, jeħtieġ qabelxejn jitfakkar li ma hemm xejn li jipprekludi li tiġi vverifikata l-eżistenza ta' xebh viżiv bejn trade mark verbali u trade mark figurattiva, peress li dawn iż-żewġ tipi ta' trade marks għandhom konfigurazzjoni grafika li tista' toħloq impressjoni viżiva [ara s-sentenza tal-4 ta' Mejju 2005, Chum vs UASI – Star TV (STAR TV), T-359/02, EU:T:2005:156, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata].

48 Il-Bord tal-Appell irrileva, fil-punt 18 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-pubbliku li jħaddan il-lingwa Ġermaniża kien jipperċepixxi s-sinjali kunfliġġenti bħala l-konglomerazzjoni tal-element inizjali "uro" u tal-element addizzjonali "akut" jew "cys". Il-Bord tal-Appell iżid li dan l-element inizjali ma jistax jiġi mħolli barra, iktar u iktar meta dan jinstab fil-bidu tas-sinjali u jikkontribwixxi sostanzjalment sabiex tiġi ddeterminata l-impressjoni globali li jipproduċu dawn tal-aħħar. Minkejja d-differenzi bejn l-elementi "akut" u "cys" inkonnessjoni man-numru ta' ittri u ta' sillabi, il-Bord tal-Appell ikkonstata li, fl-impressjoni globali tagħhom, is-sinjali kienu jikkonkordaw fil-parti inizjali tagħhom u l-istruttura tagħhom u kienu kważi identiċi fit-tul tagħhom, b'tali mod li minn dan jirriżulta xebh viżiv medju.

49 Ir-rikorrenti tikkontesta din l-evalwazzjoni billi tirrimarka li l-elementi "cys" tat-trade marks preċedenti u "akut" tat-trade mark li saret applikazzjoni għaliha ma għandhom l-ebda ittra komuni u għandhom tul differenti, numru ta' ittri differenti, ordni tal-ittri differenti u struttura ta' sillabi differenti. Ir-rikorrenti żżid li l-Bord tal-Appell interpreta b'mod żbaljat il-karattru "semi-figurattiv" tat-trade marks preċedenti u ma ħax inkunsiderazzjoni l-partikolarità grafika tal-ittra majjuskola "C" f'nofs il-kelma tat-trade marks preċedenti, li tiddividi s-sinjal "urocys" fil-livell viżiv, filwaqt li t-terminu "uroakut" huwa pperċepit bħala omoġejnu.

50 L-EUIPO u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

51 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, għalkemm diġà ġie deċiż li l-parti inizjali ta' trade mark normalment għandha impatt iktar b'saħħtu fuq livell viżiv meta mqabbla mal-parti finali tagħha [ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Settembru 2010, Companhia Muller de Bebidas vs UASI – Missiato Industria e Comercio (61 A NOSSA ALEGRIA), T-472/08, EU:T:2010:347, punt 62, u tal-20 ta' Novembru 2017, Stada Arzneimittel vs EUIPO – Urgo recherche innovation et développement (Immunostad), T-403/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:824, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata], b'tali mod li l-konsumatur, b'mod ġenerali, jiddedika iktar attenzjoni għall-parti inizjali ta' trade mark milli għall-parti finali tagħha [ara s-sentenza tad-19 ta' Mejju 2011, PJ Hungary vs UASI – Pepekillo (PEPEQUILLO), T-580/08, EU:T:2011:227, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata], tali kunsiderazzjoni ma tistax tgħodd fil-każijiet kollha [ara s-sentenza tas-16 ta' Mejju 2007, Trek Bicycle vs UASI – Audi (ALLTREK), T-158/05, mhux ippubblikata, EU:T:2007:143, punt 70 u l-ġurisprudenza ċċitata].

52 F'dan il-każ, il-preżenza waħidha tal-element komuni "uro" ma tippermettix li jiġi konkluż li jeżisti xebh viżiv bejn is-sinjali kunfliġġenti [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Frar 2018, International Gaming Projects vs EUIPO – Zitro IP (TRIPLE TURBO), T-210/17, mhux ippubblikata, EU:T:2018:91, punt 51].

53 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi kkonstatat li s-sinjali kunfliġġenti jippreżentaw ċertu numru ta' differenzi fil-livell viżiv. Peress li l-elementi "akut" fit-trade mark li ntalbet ir-reġistrazzjoni tagħha u "cys" fit-trade marks preċedenti, huma differenti ħafna minn xulxin, dawn jattiraw b'mod partikolari l-attenzjoni tal-pubbliku u ma humiex negliġibbli għall-finijiet tal-paragun viżiv tas-sinjali kunfliġġenti.

54 Fl-ewwel lok, jeħtieġ li jiġi rrilevat li t-termini "akut" u "cys" ma għandhom l-ebda ittra komuni. Fit-tieni lok, filwaqt li l-element "akut" tat-trade mark li ntalbet ir-reġistrazzjoni tagħha huwa itwal mill-element inizjali "uro" u jikkomponi erba' mis-seba' ittri tat-terminu "uroakut", it-terminu "urocys" huwa nofsu kompost mill-element "uro". Fit-tielet lok, l-element figurattiv tat-trade marks preċedenti, kompost mill-ittra majjuskola "C" f'nofs il-kelma, jippreżenta separazzjoni fil-livell viżiv, filwaqt li t-terminu "uroakut" jiġi pperċepit bħala omoġenju.

55 Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi rrilevat li s-sinjali kunfliġġenti huma parzjalment identiċi, minħabba l-konkordanza tal-element inizjali "uro", fatt li barra minn hekk ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti, peress li x-xebh viżiv tagħhom huwa limitat għall-preżenza ta' dan l-element komuni. Id-differenzi bejn is-sinjali kunfliġġenti dovuti għall-preżenza tal-elementi addizzjonali "akut" u "cys" jikkontribwixxu, b'mod mhux negliġibbli, għall-impressjoni globali prodotta mit-trade marks kunfliġġenti.

56 Fid-dawl ta' dak li ntqal, jeħtieġ li tiġi kkonfermata l-konstatazzjoni tal-Bord tal-Appell li s-sinjali kunfliġġenti, meħuda fl-intier tagħhom, jippreżentaw xebh medju fil-livell viżiv.

Fuq il-paragun fonetiku

57 Fir-rigward tal-paragun fonetiku, hemm lok li jiġi rrimarkat li l-Bord tal-Appell ibbaża ruħu fuq l-istess kunsiderazzjonijiet bħal dawk li jinsabu fil-punt 48 iktar 'il fuq.

58 Ir-rikorrenti ssostni li l-pronunzja tat-trade marks preċedenti hija mmarkata mill-element distintiv "cys", li ma għandu l-ebda punt komuni mal-element verbali "akut". Hija topponi d-dikjarazzjoni li l-ittra "c" tiġi ppronunzjata bħala "k" u tinsisti fuq id-differenza fin-numru ta' sillabi bejn it-trade marks preċedenti, komposta minn tliet sillabi, u t-trade mark li ntalbet ir-reġistrazzjoni tagħha, komposta minn erba' sillabi, u li l-intonazzjonijiet tagħha huma sinifikattivament differenti.

59 L-EUIPO u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

60 Jeħtieġ li jiġi rrilevat li t-trade marks preċedenti huma komposti minn tliet sillabi, jiġifieri "u", "ro" u "cys", filwaqt li t-trade mark li ntalbet ir-reġistrazzjoni tagħha hija komposta minn erba' sillabi, jiġifieri "u", "ro", "a" u "kut", b'tali mod li t-tul tagħhom, ir-rittmu tagħhom u l-intonazzjoni tagħhom huma differenti u li s-sinjali kunfliġġenti jikkoinċidu fonetikament biss fl-ewwel żewġ sillabi. Barra minn hekk, il-pronunzja possibbli tal-ittra "c" tal-element "cys" tat-trade marks preċedenti bħala konsonanti sibilanti hija ta' natura li tenfasizza d-differenza fonetika bejn is-sinjali kunfliġġenti.

61 Għall-kuntrarju, diġà ġie deċiż li l-fatt li n-numru ta' sillabi jkun differenti ma huwiex suffiċjenti sabiex titwarrab l-eżistenza ta' xebh fonetiku bejn is-sinjali kunfliġġenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 2011, PEPEQUILLO, T-580/08, EU:T:2011:227, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata). Issa, fil-kawża odjerna, l-ewwel żewġ sillabi, "u" u "ro", tas-sinjali kunfliġġenti huma identiċi. Barra minn hekk ma huwiex ikkontestat li dawn jiġu ppronunzjati bl-istess mod.

62 Għaldaqstant, fid-dawl tal-identiċità fonetika tas-sinjali kunfliġġenti naxxenti mill-element komuni "uro", id-differenzi rrilevati fil-punt 60 iktar 'il fuq ma humiex suffiċjenti sabiex fil-menti tal-konsumatur rilevanti tiġi mwarrba l-impressjoni li dawn it-trade marks, evalwati b'mod globali, jippreżentaw ċertu xebh fil-livell fonetiku.

63 Fil-kawża odjerna, il-Bord tal-Appell irrikonoxxa biss livell medju ta' xebh fonetiku bejn is-sinjali kunfliġġenti, speċifikament minħabba diverġenza fil-pronunzja tal-elementi rimanenti tat-trade mark li ntalbet ir-reġistrazzjoni tagħha, fatt li għalhekk għandu jiġi kkonfermat.

Fuq il-paragun kunċettwali

64 Fir-rigward tax-xebh kunċettwali, il-Bord tal-Appell ikkonstata li l-pubbliku rilevanti, kemm il-pubbliku speċjalizzat kif ukoll il-konsumatur finali indirizzat, kien jipperċepixxi l-element inizjali "uro" bħala riferiment allużiv għall-fatt li l-prodotti kkonċernati huma marbuta mal-qasam tal-uroloġija. Il-Bord tal-Appell irrikonoxxa d-differenzi bejn l-elementi "akut" u "cys", peress li l-ewwel wieħed huwa deskrittiv ta' dak li jidher minnufih, li jespandi malajr u b'mod intens, u t-tieni jista' jiġi pperċepit, mill-pubbliku speċjalizzat tal-inqas bħala riferiment allużiv għat-terminu "ċistite" jew għat-terminu "ċisteine". Madankollu, minkejja li rrileva, fil-punt 19 tad-deċiżjoni kkontestata, li s-sinjali kunfliġġenti, meħuda flimkien, ma għandhom l-ebda sinifikat għall-pubbliku ġenerali li jħaddan il-lingwa Ġermaniża, il-Bord tal-Appell madankollu kkonkluda favur l-eżistenza ta' "ċertu xebh kunċettwali" invista tal-konkordanza tal-element inizjali "uro".

65 Ir-rikorrenti tikkontesta din l-evalwazzjoni billi tinsisti fuq id-differenzi kunċettwali netti bejn l-element "akut" tat-trade mark li ntalbet ir-reġistrazzjoni tagħha, li, skontha, jikkostitwixxi riferiment allużiv, u mhux purament deskrittiv, minħabba li l-prodott jista' jintuża b'mod partikolari għal mard li jimmanifesta ruħu minnufih jew li jevolvi f'qasir żmien u b'mod intens, u l-element "cys" tat-trade marks preċedenti, li jagħmel riferiment għal preparazzjonijiet użati għal finijiet ta' prevenzjoni. Fir-rigward tat-trade mark li ntlaqtet ir-reġistrazzjoni tagħha, ir-rikorrenti żżid li l-pubbliku li jħaddan il-lingwa Ġermaniża jifhem is-sens tat-terminu "akut", għall-kuntrarju tal-element "cys", peress li l-konsumatur medju ma huwiex iffamiljarizzat mal-kunċetti ta' "ċistite" jew ta' "ċisteine".

66 L-EUIPO u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

67 Fir-rigward tal-pubbliku rilevanti, hemm lok li jiġi kkonfermat l-analiżi tal-Bord tal-Appell, li, barra minn hekk, ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti, li skontu l-element "uro", komuni għas-sinjali kunfliġġenti, huwa ta' natura li jiġi pperċepit bħala riferiment għall-uroloġija.

68 Jeħtieġ ukoll li jiġi kkunsidrat li kien b'mod ġust li l-Bord tal-Appell, fil-punt 18 tad-deċiżjoni kkontestata, indika li l-element "cys" seta' jinftiehem, tal-inqas mill-pubbliku speċjalizzat, bħala riferiment allużiv li jagħmel riferiment għat-terminu "ċistite" jew għat-terminu "ċisteine", fatt li barra minn hekk ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti. Bl-istess mod, kif diġà kkonstatat fil-punt 44 iktar 'il fuq, l-element verbali "akut" tat-trade mark li ntalbet ir-reġistrazzjoni tagħha huma terminu li jintuża b'mod ġenerali fil-Ġermaniż huwa tradott bħala "urġenti, imminenti, akut".

69 Fi kwalunkwe każ, is-sinjali kunfliġġenti jippreżentaw xebh kunċettwali dgħajjef naxxenti mis-sinifikati differenti mwassla mill-elementi addizzjonali "akut" u "cys".

70 Fil-kawża odjerna, jeħtieġ li jiġi rrimarkat li l-Bord tal-Appell ikkonstata biss l-eżistenza ta' "ċertu xebh kunċettwali" għall-pubbliku kkonċernat, fatt li jeħtieġ li jiġi kkonfermat.

Fuq l-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni

71 L-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni timplika ċerta interdipendenza tal-fatturi meħuda inkunsiderazzjoni u, b'mod partikolari, tax-xebh tat-trade marks u ta' dak tal-prodotti jew tas-servizzi koperti. Għalhekk, grad dgħajjef ta' xebh bejn il-prodotti jew is-servizzi koperti jista' jiġi kkumpensat minn grad għoli ta' xebh bejn it-trade marks, u bil-kontra [sentenzi tad-29 ta' Settembru 1998, Canon, C-39/97, Ġabra, EU:C:1998:442, punt 17, u tal-14 ta' Diċembru 2006, Mast-Jägermeister vs UASI – Licorera Zacapaneca (VENADO b'bordura *et*), T-81/03, T-82/03 u T-103/03, EU:T:2006:397, punt 74]

72 Kif jirriżulta mill-premessa 8 tar-Regolament Nru 207/2009 (li saret il-premessa 11 tar-Regolament Nru 2017/1001), l-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni tiddependi minn numru ta' fatturi, u b'mod partikolari mill-għarfien li l-pubbliku għandu tat-trade mark fis-suq inkwistjoni. Peress li aktar ma jirriżulta li l-karattru distintiv tat-trade mark huwa wieħed sostanzjali aktar tiżdied il-probabbiltà ta' konfużjoni, it-trade marks li għandhom karattru distintiv għoli, jew intrinsikament jew inkella minħabba r-reputazzjoni li l-pubbliku jħaddan fir-rigward tagħhom, igawdu minn protezzjoni aktar wiesgħa minn dawk li għandhom karratru distintiv dgħajjef (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-11 ta' Novembru 1997, SABEL, C-251/95, EU:C:1997:528, punt 24; tad-29 ta' Settembru 1998, Canon, C-39/97, EU:C:1998:442, punt 18, u tat-22 ta' Ġunju 1999, Lloyd Schuhfabrik Meyer, C-342/97, EU:C:1999:323, punt 20).

73 Fil-kawża odjerna, wara li rrileva li l-karattru distintiv intrinsiku tat-trade marks preċedenti kellu jitqies bħala medju, il-Bord tal-Appell ikkonkluda, fil-punt 23 tad-deċiżjoni kkontesata, favur l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni, fil-menti tal-pubbliku rilevanti, inkluż il-pubbliku speċjalizzat li l-attenzjoni tiegħu hija waħda għolja. Huwa bbaża din il-konklużjoni fuq ix-xebh viżiv u fonetiku medju u ċerti xebh kunċettwali medju tas-sinjali kunfliġġenti kif ukoll fuq il-karattru identiku jew simili ħafna tal-prodotti inkwistjoni.

74 Ir-rikorrenti ssostni li s-sempliċi konkordanza tal-element deskrittiv "uro" ma tippermettix li tiġi konkluża l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni fl-assenza ta' xebh ieħor, u dan iktar u iktar meta s-sinjali kunfliġġenti kienu jippreżentaw differenzi kunsiderevoli fil-livell fonetiku, viżiv u kunċettwali.

75 Ir-rikorrenti żżid li l-karattru purament deskrittiv tal-element "uro" "kien idgħajjef" il-karattru distintiv tat-trade marks preċedenti, fatt li konsegwentment iwassal għal tnaqqis tal-portata tal-protezzjoni tagħhom.

76 L-EUIPO u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

77 Fil-kawża odjerna, minn dak li ntqal jirriżulta li, minn naħa, il-prodotti inkwistjoni li jaqgħu taħt il-klassi 5 huma identiċi jew jixbħu ħafna u, min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punti 34 sa 70 iktar 'il fuq, is-sinjali kunfliġġenti, meħuda fl-assjem tagħhom, jippreżentaw ċertu livell ta' xebh fil-livell viżiv, fonetiku u kunċettwali.

78 Skont il-ġurisprudenza, fl-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni, l-aspetti viżivi, fonetiċi jew kunċettwali tas-sinjali kunfliġġenti ma għandhomx dejjem l-istess piż u l-importanza tal-elementi ta' xebh jew ta' differenza bejn l-imsemmija sinjali tista' tiddependi minn karatteristiċi intrinsiċi ta' dawn tal-aħħar [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2004, New Look vs UASI – Naulover (NLSPORT, NLJEANS, NLACTIVE u NLCollection), T-117/03 sa T-119/03 u T-171/03, EU:T:2004:293, punt 49].

79 Barra minn hekk, meta l-elementi ta' xebh bejn żewġ sinjali jkunu dovuti għal fatt li dawn jikkondividu komponent li jkollu karattru distintiv dgħajjef, l-impatt ta' tali elementi ta' xebh fuq l-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni jkun fih inniffsu dgħajjef [ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2007, Cabrera Sánchez vs UASI – Industrias Cárnicas Valle (el charcutero artesano), T-242/06, mhux ippubblikata, EU:T:2007:391, punt 85; tat-13 ta' Lulju 2012, Caixa Geral de Depósitos

vs UASI – Caixa d'Estalvis i Pensions de Barcelona (la Caixa), T-255/09, mhux ippubblikata, EU:T:2012:383, punt 79, u tal-4 ta' Marzu 2015, FSA vs UASI – Motokit Veículos e Acessórios (FSA K-FORCE), T-558/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:135, punti 49 sa 52].

80 Issa, fil-kawża odjerna, jeħtieġ li jitfakkar li diġà ġie kkonstatat fil-punt 43 iktar 'il fuq li l-element inizjali "uro", komuni għaż-żewġ sinjali kunfliġġenti, kien jippreżenta karattru distintiv dgħajjef.

81 Barra minn hekk, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punti 53, 60 u 69 iktar 'il fuq, id-differenzi viżivi, fonetiċi u kunċettwali li jirrigwardaw l-elementi addizzjonali "akut" u "cys" tas-sinjali kunfliġġenti ma humiex negliġibbli fl-impressjoni globali tas-sinjali għall-pubbliku rilevanti, iżda jikkumpensaw ix-xebh viżiv, fonetiku u kunċettwali, li jirriżulta unikament mill-preżenza tal-element komuni "uro" u mill-idea li jagħmel riferiment għalih, u dan iktar u iktar meta l-pubbliku rilevanti juri livell miżjud ta' attenzjoni.

82 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi konkluż li s-sinjali kunfliġġenti huma globalment differenti fl-impressjoni globali għall-pubbliku rilevanti, b'tali mod li kien b'mod żbaljat li l-Bord tal-Appell ikkonkluda favur l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni fil-menti tal-pubbliku rilevanti fir-rigward tal-prodotti fil-klassi 5 imsemmija mis-sinjali kunfliġġenti.

83 Mill-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq kollha jirriżulta li d-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata.

Fuq it-talba għall-bidla

84 Fir-rigward tal-kap tat-talbiet tar-rikorrenti intiżi sabiex tinbidel id-deċiżjoni kkontestata u sabiex tiġi miċħuda l-oppożizzjoni, hemm lok li jiġi rrilevat li, b'dan il-kap tat-talbiet, ir-rikorrenti essenzjalment titlob lill-Qorti Ġenerali, tadotta d-deċiżjoni li fl-opinjoni tagħha kellha tiġi adottata mill-EUIPO, jiġifieri deċiżjoni li tikkonstata li ma humiex issodisfatti l-kundizzjonijiet sabiex tintlaqa' l-oppożizzjoni vantata mill-intervenjenti. Konsegwentement, ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali teżerċita s-setgħa tagħha ta' tibdil, kif prevista fl-Artikolu 65(3) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 72(3) tar-Regolament 2017/1001).

85 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li s-setgħa ta' tibdil, irrikonoxxuta lill-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 65(3) tar-Regolament Nru 207/2009, ma għandhiex l-effett li tagħti lil din is-setgħa li twettaq evalwazzjoni li fuqha l-Bord tal-Appell għadu ma adottax pożizzjoni. L-eżerċizzju tas-setgħa ta' bidla għandu, għalhekk, bħala prinċipju, ikun limitat għas-sitwazzjonijiet li fihom il-Qorti Ġenerali, wara li tkun stħarrġet l-evalwazzjoni magħmula mill-Bord tal-Appell, tkun f'pożizzjoni li tiddetermina, fuq il-bażi tal-punti ta' fatt u ta' liġi hekk kif huma stabbiliti, id-deċiżjoni li l-imsemmi Bord kellu jieħu (sentenza tal-5 ta' Lulju 2011, Edwin vs UASI, C-263/09 P, EU:C:2011:452, punt 72).

86 F'dan il-każ, il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tas-setgħa ta' tibdil tal-Qorti Ġenerali huma ssodisfatti. Fil-fatt, mill-kunsiderazzjonijiet żviluppati fil-punti 21 sa 83 iktar 'il fuq jirriżulta li l-Bord tal-Appell kien obbligat jikkonstata li, għall-kuntrarju ta' dak li kienet qieset id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, ma kinitx teżisti probabbiltà ta' konfużjoni fil-każ odjern. Konsegwentement, hemm lok li l-oppożizzjoni tiġi miċħuda.

Fuq l-ispejjeż

87 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

88 Peress li l-EUIPO tilef, hemm lok li jiġi kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk tar-rikorrenti, skont it-talbiet ta' din tal-aħħar.

89 Skont l-Artikolu 138(3) tar-Regoli tal-Proċedura, l-intervenjenti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

90 Barra minn hekk, ir-rikorrenti talbet il-kundanna tal-UASI għall-ispejjeż sostnuti minnha fil-proċedimenti amministrattivi quddiem il-Bord tal-Appell. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, skont l-Artikolu 190(2) tar-Regoli tal-Proċedura, l-ispejjeż indispensabbli sostnuti mill-partijiet għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell għandhom jitqiesu li huma spejjeż li jistgħu jinġabru.

91 Madankollu, l-istess ma jgħoddx għall-ispejjeż sostnuti għall-proċedimenti quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni. Għaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti dwar l-ispejjeż marbuta mal-proċedimenti quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, li ma humiex spejjeż li jistgħu jinġabru, hija inammissibbli.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-7 ta' Marzu 2017 (Każ R 1221/2016-4) hija annullata.

2) L-oppożizzjoni mressqa minn Dermapharm GmbH hija miċħuda.

3) L-EUIPO għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Kwizda Holding GmbH, inklużi dawk sostnuti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

4) Dermapharm għandha tbati l-ispejjeż proprji tagħha.

Pelikánová Valančius Öberg

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-20 ta' Settembru 2018.

Firem